MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru. 637/2003

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)
vs
Clive Muscat

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Clive Muscat, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 44763 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-19 ta’ Gunju 2003, fil-ghaxija gewwa il-Mosta, hebb ghal martu Nadya Muscat u wara li ta daqqa ta’ ras fuq ghajnejha x-xellugija ikkagunalha offizi ta’ natura gravi u dan skond ma kif iccertifika t-Tabib Nicholas J Vassallo tac-centru tas-sahha tal-Furjana;

U talli fl-istess data, hin u lok hebb ukoll ghal Steven Cachia u wara li tah daqqa fuq wiccu kkagunalu offizi ta’ natura hafifa u dan skond ma kif iccertifika t-Tabib Julian

Mamo minn Naxxar. Barra minn dan akkuzat ukoll talli kiser l-paci pubblika b’ghajjat u glied u b’mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Nadja Muscat u Steven Cachia, jew sabiex jinzammu il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati, torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tieghu nniffsu, taht penali ta’ somma flus li tigi ffissasta minn din l-Onorabbli Qorti;

Rat illi l-parte civile Nadya Muscat u Steven Cachia iddikjaraw illi jirtiraw il-kwerela taghhom u ma jridux jixhdu f’dan il-procediment;

Rat ukoll certifikat mediku illi jiccertifika l-griehi bhala ta’ natura hafifa u mhux ta’ natura gravi;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi ma kellux xhieda xi jressaq;

Tilliberah mill-akkuzi li ma gewx ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------